


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > [Slovakia](#)

## Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

 Slovakkja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Fil-prinċipju, fi proċeduri tal-prim'istanza f'materji ċivili, il-qorti ordinarji għandhom il-ġuriżdizzjoni, li jfisser, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-qorti distrettwali (*okresný súd*) (l-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kontenzjuża Ċivili (*Civilný sporový poriadok*, CCAP)), u f'każijiet eċċezzjonali l-qorti reġjonali (*krajský súd*) (l-Artikolu 31 tas-CCAP). F'ċerti każijiet, trid tiġi avviċinata qorti speċjalizzata (ara t-tweġiba għall-mistoqsija Nru 3)

### 2 Meta l-qorti ċivili ordinarji jkollhom il-ġuriżdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qorti responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

Il-ġuriżdizzjoni sostantiva hija ġeneralment mifhuma bħala d-deżinjazzjoni tal-kompetenza sabiex jiġu deċiżi kawżi fil-prim'istanza bejn qorti ta' tipi differenti. Dan ifisser li hija d-determinazzjoni ta' jekk qorti distrettwali jew qorti reġjonali għandhiex tiddeċiedi materja bħala l-qorti tal-prim'istanza. Ġeneralment, il-qorti distrettwali għandhom il-ġuriżdizzjoni sabiex jisimgħu kawżi ċivili fil-prim'istanza (l-Artikolu 12 tas-CCAP). F'ċerti materji, speċifikati mil-liġi, huma l-qorti nazzjonali li jiddeċiedu bħala l-qorti tal-prim'istanza (l-Artikolu 31 tas-CCAP). Il-kriterju bażiku sabiex tiġi determinata l-ġuriżdizzjoni ta' qorti huwa n-natura l-materja.

Il-bażi tal-proċedura tal-qorti huwa s-smiġh quddiem il-qorti tal-prim'istanza. Kull materja l-ewwel trid tinstema' minn qorti tal-prim'istanza. Iċ-ċirkustanzi li jkunu jeżistu fiż-żmien meta tinbeda l-proċedura, jiġifieri dakinhar li t-talba/rikors tasal il-qorti, huma deċiżivi sabiex tiġi determinata l-ġuriżdizzjoni sostantiva. Bidla fiċ-ċirkustanzi matul proċedura ma għandha l-ebda impatt fuq il-ġuriżdizzjoni sostantiva li diġà tkun għet stabbilita.

L-eżistenza ta' ġuriżdizzjoni sostantiva hija waħda mill-kundizzjonijiet proċedurali fundamentali tal-qorti. Qorti tivvaluta jekk din tkunx għet issodisfata *ex officio* fl-istadji kollha tal-proċedimenti u f'kull każ, għalhekk, ma għandhiex għalfejn titqajjem oġġezzjoni dwar nuqqas ta' ġuriżdizzjoni sostantiva. Jekk qorti tiddeċiedi li ma għandhiex ġuriżdizzjoni sostantiva, hija obbligata tgħaddi l-kawża lil qorti oħra li jkollha ġuriżdizzjoni sostantiva. Il-qorti tinforma lill-attur/rikorrent. Jekk it-talba/rikors jkun diġà għet nnotifikat lill-konvenut/intimat, il-qorti trid tinforma wkoll lil dik il-parti li hija tkun għaddiet il-kawża lil qorti li jkollha ġuriżdizzjoni sostantiva. Tilwima dwar il-ġuriżdizzjoni sostantiva tista' tingala' biss bejn qorti distrettwali u qorti reġjonali, minħabba li l-Qorti Suprema (*Najvyšší súd*) ma jistax ikollha ġuriżdizzjoni sostantiva fi proċeduri tal-prim'istanza. Tilwima dwar il-ġuriżdizzjoni sostantiva bejn qorti distrettwali u qorti reġjonali tiġi solvuta mill-Qorti Suprema, li hija l-qorti superjuri għat-tnejn biex tiddeċiedi dwar il-ġuriżdizzjoni.

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qorti ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qorti distrettwali bħala qorti inferjuri u qorti reġjonali bħala qorti superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun

## kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Is-sistema ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakkja għandha sistema tal-qorti bi tliet livelli: il-qrati distrettwali, il-qrati reġjonali, u l-Qorti Suprema. Il-qrati distrettwali għandhom ġuriżdizzjoni biex jisimgħu kawżi ċivili fil-prim'istanza (l-Artikolu 12 tas-CCAP). Il-qrati reġjonali għandhom ġuriżdizzjoni fit-tieni istanza, li jfisser li l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati distrettwali dejjem jinstemgħu mill-qrati reġjonali. Eċċezzjoni għal dan huma t-tilwimiet li jirriżultaw minn rieżami astratt ta' materji tal-konsumatur, meta l-qrati reġjonali (il-Qorti Reġjonali ta' Bratislava, il-Qorti Reġjonali ta' Banská Bystrica, u l-Qorti Reġjonali ta' Košice) jiddeċiedu fid-distretti tagħhom bħala l-qrati tal-prim'istanza (l-Artikolu 31 tas-CCAP).

## 2.2 Ġuriżdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

Il-ġuriżdizzjoni territorjali hija regolata mill-Kodiċi tal-Proċedura Kontenzjuża Ċivili u l-Kodiċi tal-Proċedura Mhux Kontenzjuża Ċivili (*Civilný mimosporový poriadok*, CMP). Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni territorjali jiddeterminaw liema qorti tal-prim'istanza, jiġifieri liema qorti speċifika, mill-qrati kollha li jkollhom ġuriżdizzjoni sostantiva, għandhom jisimgħu u jiddeċiedu materja. Ir-regolamentazzjoni legali applikabbli tiddistingwi bejn ġuriżdizzjoni territorjali ġenerali u ġuriżdizzjoni territorjali partikolari. Il-ġuriżdizzjoni territorjali partikolari tiegħu prijorità fl-istabbiliment tal-ġuriżdizzjoni territorjali ta' qorti. Jekk il-ġuriżdizzjoni ma tiġix stabbilita f'dan il-metodu, tiġi applikata l-ġuriżdizzjoni territorjali ġenerali. Il-ġuriżdizzjoni territorjali tista' tkun ukoll fakultattiva (alternattiva/fakultattiva) jew esklużiva. Jekk il-ġuriżdizzjoni territorjali tkun fakultattiva, ir-rikorrent jista' jagħżel jekk jippreżentax ir-rikors għand il-qorti ordinarja tal-konvenut jew f'qorti oħra msemmija fis-CCAP. Fejn il-ġuriżdizzjoni territorjali tkun esklużiva, il-kawżi jiġu enumerati meta qorti għajr il-qorti ordinarja tal-konvenut ikollha l-ġuriżdizzjoni territorjali. Dan ifisser li ċerta qorti jkollha l-ġuriżdizzjoni irrispettivament minn jekk qorti differenti tkunx il-qorti ordinarja tal-konvenut jew le, u irrispettivament mill-possibbiltà li tintgħażel qorti fid-diskrezzjoni ta' dak li jkun fil-materja partikolari.

### 2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġuriżdizzjoni territorjali

#### *Kawżi kontenzjużi*

Skont id-dispożizzjonijiet tas-CCAP, il-qorti ordinarja tal-konvenut dejjem ikollha l-ġuriżdizzjoni territorjali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor (l-Artikolu 13 tas-CCAP).

Il-qorti ordinarja ta' individwu hija l-qorti li fid-distrett tagħha l-individwu jkollu r-residenza permanenti tiegħu (l-Artikolu 14 tas-CCAP).

Il-qorti ordinarja ta' entità ġuridika hija l-qorti li fid-distrett tagħha l-entità ġuridika jkollha s-sede rreġistrata tagħha (l-Artikolu 15 (1) tas-CCAP). Il-qorti ordinarja ta' entità ġuridika barranija hija l-qorti li fid-distrett tagħha l-entità ġuridika barranija jkollha l-uffiċċju tal-fergħa tagħha fir-Repubblika Slovakkja (l-Artikolu 15 (2) tas-CCAP).

Jekk ma tkunx tista' tiġi determinata l-qorti ordinarja b'dan il-mod, il-qorti ordinarja tkun dik il-qorti li fid-distrett tagħha l-individwu jew l-entità ġuridika jkollhom l-aħħar residenza tagħhom jew is-sede rreġistrata tagħhom fir-Repubblika Slovakkja; jekk ma jkun hemm l-ebda qorti bħal din, f'dak il-każ il-qorti li fid-distrett tagħha l-persuna jkollha l-assi tagħha jkollha l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 16 tas-CCAP).

Il-qorti ordinarja tal-Istat hija l-qorti li fid-distrett tagħha jkun seħħ fatt li jwassal għat-talba (l-Artikolu 17 tas-CCAP).

#### *Materji mhux kontenzjużi*

F'materji mhux kontenzjużi (l-Artikolu 3 tas-CMP), qorti maħtura bl-Att ikollha l-ġuriżdizzjoni territorjali. Jekk il-ġuriżdizzjoni territorjali ma tkunx tista' tiġi determinata b'dak il-mod, il-qorti li tkun il-qorti ordinarja tar-rikorrent ikollha l-ġuriżdizzjoni territorjali.

### 2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola

bażika) u qorti oħra?

Il-ġuriżdizzjoni alternattiva (ġuriżdizzjoni magħżula b' mod fakultattiv) tirrifletti d-dritt tar-rikorrent li jagħżel, minflok il-qorti ordinarja tal-konvenut, qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 19 tas-CCAP. Minbarra l-qorti ġenerali tal-konvenut, il-ġuriżdizzjoni territorjali hija wkoll tal-qorti li fid-distrett tagħha:

- a) il-konvenut ikollu l-post tax-xogħol tiegħu, skont il-ftehim ta' impjieg tiegħu;
- b) tkun seħħet ċirkustanza li twassal għat-talba għad-danni;
- c) tkun ibbażata l-fergħa ta' uffiċċju ta' entità ġuridika konvenuta, jekk it-tilwima tkun relatata ma' dak l-uffiċċju;
- d) ir-rikorrent li jkun konsumatur ikollu r-residenza permanenti tiegħu, jekk it-tilwima tkun tilwima tal-konsumaturi jew il-proċeduri jirrigwardaw tilwim relatat ma' arbitraġġ tal-konsumaturi;
- e) ir-rikorrent ikollu r-residenza permanenti jew is-sede rreġistrata tiegħu jew, fil-każ ta' entità ġuridika barranija, fejn ir-rikorrent ikollu l-unità organizzattiva tiegħu, fil-każ ta' tilwima kontra d-diskriminazzjoni.

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Il-ġuriżdizzjoni esklużiva f' materji kontenzjużi tfisser l-obbligu li r-rikorrent jagħżel, minflok il-qorti ordinarja tal-konvenut, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 20 tas-CCAP. Dan ifisser li, fil-każijiet li ġejjin, il-ġuriżdizzjoni territorjali għas-smiġħ tal-proċeduri tkun tal-qorti:

- a) li fid-distrett tagħha tkun tinsab il-proprjetà immobbli, f' tilwima li tirrigwarda dritt *in rem* għall-proprjetà immobbli;
- b) li fid-distrett tagħha jitmexxew il-proċeduri dwar wirt, f' tilwima relatata ma' proċeduri dwar wirt;
- c) li fiha jkunu qegħdin iseħħu l-proċeduri ta' eżekuzzjoni, jekk it-tilwima tkun ikkawżata min-natura partikolari tal-proċeduri;
- d) li fiha jkunu qegħdin iseħħu l-proċeduri ta' falliment jew ristrutturar, jekk it-tilwima tkun ikkawżata min-natura partikolari tal-proċeduri, bl-eċċezzjoni tal-proċeduri rigward il-ftehim dwar proprjetà matrimonjali indiviżibbli;
- e) li fid-distrett tagħha jkun jinsab il-post tal-arbitraġġ, jekk il-proċeduri jirrigwardaw tilwim dwar proċeduri tal-arbitraġġ, bl-eċċezzjoni tal-arbitraġġ tal-konsumaturi; jekk il-post tal-arbitraġġ ikun barra mir-Repubblika Slovakkja, il-qorti li fid-distrett tagħha l-konvenut ikollu r-residenza permanenti tiegħu jew l-indirizz tas-sede rreġistrata tiegħu jew l-unità organizzattiva tiegħu, fil-każ ta' entità ġuridika barranija, ikollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' l-każ; jekk il-konvenut ma jkollux ir-residenza permanenti tiegħu jew l-indirizz tas-sede rreġistrata tiegħu jew l-unità organizzattiva tiegħu, fil-każ ta' entità ġuridika barranija, fir-Repubblika Slovakkja, il-qorti li fiha r-rikorrent ikollu r-residenza permanenti tiegħu jew l-indirizz tas-sede rreġistrata tiegħu jew l-unità organizzattiva tiegħu, fil-każ ta' entità ġuridika barranija, ikollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' l-każ.

Il-ġuriżdizzjoni esklużiva f' kawżi mhux kontenzjużi tfisser li, minflok il-qorti ordinarja, għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni l-qorti li ġejja:

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw id-divorzju ta' koppja miżżewġa tkun f'idejn il-qorti li fid-distrett tagħha l-koppja kellhom l-aħħar indirizz tar-residenza konġunt tagħhom, bil-kundizzjoni li mill-anqas wieħed minnhom ikun għadu residenti f' dak id-distrett. Inkella, il-qorti ordinarja tal-konjuġi li ma ppreżentatx it-talba jkollha l-ġuriżdizzjoni territorjali. Jekk il-ġuriżdizzjoni tal-qorti ma tkunx tista' tiġi determinata b'dan il-mod, il-qorti ordinarja tar-rikorrent ikollha l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 92 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw id-determinazzjoni tal-invalidità jew l-annullament ta' żwieġ tkun f'idejn il-qorti li fid-distrett tagħha l-koppja kellhom l-aħħar indirizz tar-residenza konġunt tagħhom, bil-kundizzjoni li mill-anqas wieħed minnhom ikun għadu residenti f' dak id-distrett. Inkella, il-qorti ordinarja tal-konjuġi li ma ppreżentatx it-talba jkollha l-ġuriżdizzjoni territorjali. Jekk il-ġuriżdizzjoni tal-qorti ma tkunx tista' tiġi determinata b'dan il-mod, il-qorti ordinarja ta' wieħed mill-konjuġi jkollha l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 101 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri f'każijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni ġudizzjarja ta' minorenni tkun f'idejn

il-qorti li fid-distrett tagħha l-minorenni jkollu r-residenza tiegħu, determinata bi qbil tal-ġenituri tiegħu jew inkella skont il-liġi fil-bidu tal-proċeduri (l-Artikolu 112 (1) tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri f'każijiet li jirrigwardaw l-adozzjoni tkun f'idejn il-qorti li t-tfal ikollhom ir-residenza tagħhom fid-distrett tagħha, determinata bi qbil tal-ġenituri tagħhom jew inkella skont il-liġi fil-bidu tal-proċeduri. Jekk ma jkun hemm l-ebda qorti b'hal din, il-qorti li t-tfal jgħixu fid-distrett tagħha jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' l-każ (l-Artikolu 136 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw il-kapaċità ta' parteċipazzjoni f'rikorsi legali hija tal-qorti li l-persuna li l-kapaċità tagħha qed tiġi kkontestata jkollha r-residenza tagħha fid-distrett ta' dik il-qorti (l-Artikolu 232 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw il-permissibbiltà tad-dħul u ż-żamma ta' persuna f'faċilità medika hija tal-qorti li fid-distrett tagħha tkun tinsab il-faċilità medika (l-Artikolu 252 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw il-ħatra ta' kustodju tkun tal-qorti li l-individwu kkonċernat ikollu r-residenza tiegħu fid-distrett tagħha; jekk ma jkun hemm l-ebda qorti tali, il-qorti li l-individwu jkollu l-assi tiegħu fid-distrett tagħha (l-Artikolu 273 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw dikjarazzjoni tal-mewt hija tal-qorti ordinarja tal-persuna li tkun trid tiġi ddikjarata mejta (l-Artikolu 220 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw il-wirt hija tal-qorti li fid-distrett tagħha:

- a) it-testatur kellu r-residenza permanenti tiegħu fil-ħin ta' mewtu;
- b) ikunu jinsabu l-assi tat-testatur, sakemm il-ġuriżdizzjoni ma tiġix stabbilita skont il-paragrafu a);
- c) miet it-testatur, sakemm il-ġuriżdizzjoni ma tiġix stabbilita skont il-paragrafi a) jew b) (l-Artikolu 158 tas-CMP).

Fi proċeduri sussegwenti dwar wirt, il-qorti li tkun għalqet il-proċeduri tal-wirt ikollha l-ġuriżdizzjoni territorjali (l-Artikolu 159 tas-CMP).

Jekk azzjoni ta' minorenni li jkun werriet tkun trid tiġi approvata minn qorti inkonnessjoni mal-proċeduri tal-wirt, il-qorti li quddiemha jkunu qegħdin isiru l-proċeduri tal-wirt ikollha l-ġuriżdizzjoni sabiex tapprova l-azzjoni legali (l-Artikolu 160 (1) tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri f'każijiet li jirrigwardaw il-kustodja notarili hija tal-qorti li fid-distrett tagħha n-nutar li jkollu l-flus, oġġetti, jew titoli fil-kustodja tiegħu jkollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu (l-Artikolu 334 tas-CMP).

Il-ġuriżdizzjoni territorjali fi proċeduri li jirrigwardaw is-sostituzzjoni ġudizzjarja ta' titolu mitluf ma'ħruġ minn bank jew fergħa ta' bank barrani hija tal-qorti li fid-distrett tagħha l-bank jew il-fergħa ta' bank barrani jkollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu. Inkella, il-qorti ordinarja tar-rikorrent ikollha l-ġuriżdizzjoni fi proċeduri li jirrigwardaw is-sostituzzjoni ġudizzjarja ta' dokument. Jekk ir-rikorrent ma jkollux il-qorti ordinarja tiegħu fir-Repubblika Slovakkja, il-qorti li fid-distrett tagħha jkun jinsab il-punt tal-ħlas ikollha l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 311 tas-CMP).

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġuriżdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

Le.

### 3 Meta l-ġuriżdizzjoni tkun tal-qorti speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

Il-ġuriżdizzjoni ta' qorti speċjalizzati hija regolata fl-Artikoli 22 – 33 tas-CMP; b'mod speċifiku, hemm qorti speċjalizzati li għandhom il-ġuriżdizzjoni fi:

- a) proċeduri dwar kambjali u ċekkijiet;
- b) tilwim dwar l-impjegji;

- c) proċeduri ta' falliment u ristrutturar;
- d) tilwim relatat ma' proprjetà industrijali;
- e) tilwim relatat ma' mġiba kompetittiva inġusta u tilwim dwar id-drittijiet tal-awtur;
- f) tilwim li jirriżulta mill-kompetizzjoni ekonomika;
- g) tilwim relatat ma' proċeduri tal-arbitraġġ;
- h) tilwim li jirriżulta minn ftehimiet fil-Borża;
- i) tilwim li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-invalidità ta' ftehim, kuntratt ta' konċessjoni għax-xogħol, jew ftehim qafas;
- j) tilwim li jirriżulta minn rieżami astratt f'materji tal-konsumatur;
- k) tilwim li jirrigwarda l-kumpens ta' ħsara nukleari;
- l) materji li jirrigwardaw miżuri protettivi fi kwistjonijiet ċivili ordnati fi Stat Membru ieħor tal-UE.

---

■ L-aħħar aġġornament: 06/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.